**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 21 ta' Novembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**FRANCESCO CALANNI FRACCONO**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Francesco Calanni Fraccono**, detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana bin-numru AS 4767878, gie akkuzat talli nhar l-20 ta' Novembru 2015, gewwa Café' Cordina, Triq ir-Repubblika, Valletta u f'dawn il-Gzejjer :

Ikkometta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Cilio Bugeja u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata ta` l-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-istqarrija ta` l-imputat, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjoni kif dedotta.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputat qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset il-fatt (kif ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess) illi l-flus mehuda mill-imputat gew ritornati minnufih, u li l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal tnax(12)-il xahar prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjoniet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur